**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 22 ta' Frar 2023**

**Rikors Numru: 242/22 MLF**

**Fl-atti tal-ittra Ufficjali numru 3348/21 fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Services Ltd**

**vs**

**Mohamed Abdelaziz Mohamad Hassan Mattar**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Mohamed Abdelaziz Mohamad Hassan Mattar fejn espona:

Illi r-rikorrent ghadu kif gie a konjozzjoni tieghu illi sar mandat fl-ismijiet premessi numru 1242/22 fil-konfront tieghu. Kopja informali ta' dan il-mandat qed jigi esebit bhala Dok A.

Illi jidher illi dan il-mandat sar in segwitu ta' ittra ufficjali fl-ismijiet premessi intavolata mis-socjeta' intimata fejn qed tippretendi hlas ta' l-ammont ta' €8,464.21 liema ittra saret a tenur ta' l-Artikolu 466 tal-Kap. 12.

Illi r-rikorrent ma kienx ikkontesta din l-ittra u ghalhekk saret titolu ezekuttiv.

Illi qabel xejn ir-rikorrent jirrileva illi huwa ma kienx validament notifikat b'din l-ittra u dan peress illi fid-data meta l-att allegatament gie notifikat lilu u cioe fit-30 ta' Dicembru 2021 huwa kien imsiefer. In effetti jirrizulta mill-atti illi l-att thalla f'idejn it-tifel tieghu Mahmoud Hassan (ID. 104420(A)) f'dik id-data. L-esponent ser juri lil din il-Qorti illi f'dak il-perjodu huwa kien imsiefer.

Illi apparti minn hekk ghandu jirrizulta illi l-ammont mhux dovut. Is-servizz in kwistjoni m'huwiex registrat fuq ismu pero fuq isem Fortunato Zammit u dan kif jirrizulta mill-anness kont (Dok B) u ghalhekk l-ammont mhux dovut minnu.

Illi r-rikorrent ukoll jaf illi saru pagamenti sostanzjali u dan kif jirrizulta mill-istess Dok B.

Illi jigi rilevat ukoll illi r-rikorrent jircievi l-ghajnuna medika mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali kif jirrizulta mill-anness Dok C.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 467 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, wara illi tisma lir-rikorrent jaghti x-xhieda tieghu, tirrevoka t-titolu ezekuttiv ottjenut permezz ta' l-ittra ufficjali fl-ismijiet permessi u dan taht dawk il-provedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta intimata Automated Revenue Management Services Ltd. fejn eccepiet:

   1. Illi, in linea preliminari, ir-rikors promotur sabiex jikkontesta l-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Artikolu 466 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta mill-Automated Revenue Management Services Limited f'isimha propju u ghan-nom tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, bir-referenza 3348/2021 (hawn annessa u mmarkata 'DOK NB1'), sar biss fil-konfront tas-Socjeta' Automated Revenue Management Services Limited izda mhux fil-konfront tal-Korporazzjoni ghas-Servizz tal-Ilma. Ghalhekk, din tal-ahhar illum ghandha titolu ezekuttiv favur taghha.

2. Illi, in linea preliminari ukoll, l-azzjoni tar-rikorrenti hija fuori termini stante li r-rikorrent ma ntavolatx dawn il-proceduri entro z-zmien ta' ghoxrin jum minn notifika kif preskritt lid-debitur skont l-Artikolu 466 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan kif ser jigi ppruvat quddiem din l-Onorabbli Qorti.

3. Illi, kuntrarjament ghal dak eccepit mir-rikorrent, huwa kien validament notifikat permezz tal-ittra ufficjali su riferita, u dan skont il-procedura preskritta fil-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

4. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-socjeta' Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, hija kreditrici tar-rikorrenti fl-ammont kumplessiv ta' tmien t'elef, erba' mija u erbgha u sittin Ewro u wiehed u ghoxrin centezmu (€8,464.21) rapprezentanti konsum ta' ilma u/jew elettriku, kera ta' meter tal-ilma u/jew l-elettriku, spejjez amministrattivi, connection u disconnection fees u/jew kull hlas iehor, flimkien ma imghax dovut skont il-ligi, relatati mal-kontijiet tas-servizzi utili indikati fl-ittra ufficjali bin-numru 3348/2021, u ghalhekk l-ammont huwa dovut mir-rikorrent lis-Socjeta Automated Revenue Management Services Ltd pro et noe, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

5. Illi, r-rikorrenti f'diversi okkazzjonijiet ffirma ftehim fejn dahal responsabbli ghal hlas tal-ammont pendenti, u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazjoni tal-kawza.

6. Illi, l-eccezzjonijiet preliminari u fil-mertu mressqin mir-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

7. Illi, ghalhekk, l-ammont reklamat fl-ittra ufficjali bin-numru 3348/2021 huwa dovut mir-rikorrent.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat li fis-seduta tat-23 ta' Novembru 2022, din il-Qorti ordnat li f'dan l-istadju l-provi jigu limitati ghall-kwistjoni jekk in-notifika tal-ittra ufficjali lir-rikorrent kinietx wahda valida jew le.

5. Semghat it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Dan il-provvediment huwa limitat ghal kwistjoni dwar jekk in-notifika li saret tal-ittra ufficjali lir-rikorrent kinietx wahda valida jew le. Ghalhekk, il-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta intimata, u qed thallihom impregudikati.

7. Ir-rikors promotur sar ai termini tal-Artikolu 467(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili li jippreskrivi hekk:

*"Kull titolu esekuttiv maħruġ skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu tal-aħħar ta' qabel dan fin-nuqqas ta' xi oppożizzjoni mid-debitur għandu jiġi revokat jekk, meta ssir talba permezz ta' rikors li jiġi preżentat fi żmien għoxrin jum mill-ewwel notifika li ssirlu ta' xi mandat esekuttiv li jkun imsejjes fuq dak it-titolu jew ta' kull att ġudizzjarju ieħor li fih issir referenza għal dak it-titolu, il-qorti tkun sodisfatta li d-debitur ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu tal-aħħar ta' qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta' jopponi u li t-talba li tinsab f'dik id-dikjarazzjoni tkun infondata fil-mertu."*

8. Fir-rikors promotur tieghu, ir-rikorrent jallega li hu ma giex validament notifikat bl-ittra ufficjali, u dan peress li fid-data meta l-att allegatament gie notifikat lilu, u cioe fit-30 ta' Dicembru 2021 huwa kien imsiefer. Fir-rikors tieghu, ir-rikorrent jghid li ser juri lil din il-Qorti illi f'dak il-perjodu huwa kien imsiefer.

9. B'digriet tat-2 ta' Novembru 2022, din il-Qorti appuntat ir-rikors promotur ghall-provi kollha tal-partijiet ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2022.

10. Mill-provi prodotti jirrizulta li r-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali fl-indirizz fejn hu jirresjedi u hu l-istess indirizz li hu registrat bhala indirizz tieghu fir-registri tal-

Elezzjonijiet Generali u tal-Kunsilli Lokali. Effettivament dan mhux kontestat mis-socjeta intimata.

11. Is-socjeta intimata lanqas qed tikkontesta dak li jirrizulta ukoll mill-atti, u li qed jghid ir-rikorrent, u cioe li l-ittra ufficjali irceviha t-tifel tar-rikorrent Mahmoud Hassan, li joqghod fl-istess residenza tar-rikorrent.

12. Dak li huwa kontestat bejn il-partijiet huwa jekk r-rikorrent kienx verament imsiefer fit-30 ta' Dicembru 2021 – id-data li fiha l-ittra ufficjali giet notifikata lilu. L-obbligu li jaghmel din il-prova kien jinkombi lir-rikorrent – kif hu stess ammetta fir-rikors promotur. Pero meta tela' jixhed quddiem din il-Qorti, ir-rikorrent ma setghax jiftakar bi precizjoni d-dati li fihom kien imsiefer l-Egittu fil-perjodu in kwistjoni, ghalkemm qal li hu imur hemm ta' spiss. Huwa kien se jezebixxi l-passaport tieghu, pero it-timbri tal-passaport huma bil-lingwa Gharbija biss, r-rikorrent ammetta li lanqas hu ma jifhem x'hemm miktub fit-timbri, u allura ma setghax jindika liema kienu it-timbri li kienu juru li kien imsiefer fid-data in kwistjoni. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti, kien l-obbligu tar-rikorrent li meta attenda ghas-seduta tat-23 ta' Novembru 2021, jipprepara minn qabel – jekk kien necessarju permezz ta' traduzzjonijiet idonei – il-prova li hu kien imsiefer fid-data in kwistjoni. Huwa naqas li jaghmel dan, u ghalhekk din il-prova ma saritx.

13. La darba l-ittra ufficjali giet notifikata fir-residenza tal-imputat u mhollija mat-tifel tieghu li ghandu il-fuq minn ghoxrin (20) sena, u r-rikorrent ma ippruvax li fid-data tan-notifika huwa kien imsiefer, isegwi li n-notifika tal-ittra ufficjali kienet wahda valida, ai termini tal-ligi.

14. In oltre, il-Qorti tirrileva li fl-opinjoni taghha l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 467(1) hija li r-rikorrent mhux bizzejjed li jipprova li hu ma giex validament notifikat, imma irid ukoll jipprova li *"ma kienx jaf bin-notifika tad-dikjarazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu tal-aħħar ta' qabel dan matul il-perijodu li fih id-debitur seta' jopponi."* Ir-rikorrent ma ressaqx provi – u fil-fatt lanqas biss allega - li huwa ma kienx jaf bin-notifika tal-ittra ufficjali matul il-perjodu kollu ta' ghoxrin (20) gurnata mid-data tan-notifika, f'liema perjodu huwa seta' jikkontesta dik l-ittra ufficjali.

15. In vista tal-kunsiderazzjonijiet fuq esposti, it-titolu ezekuttiv ottenut mis-socjeta intimata a bazi tal-ittra ufficjali in kwistjoni huwa wiehed validu ai termini tal-Artikolu 467(1).

16. In oltre, l-Artikolu 467(2) jaghmilha cara illi:

*“Ebda oppożizzjoni ħlief dik li hemm speċifikatament provdut dwarha f’dan l-artikolu u fl-artikolu tal-aħħar ta’ qabel dan ma għandha twaqqaf il-ħruġ jew l-esekuzzjoni ta’ xi att esekuttiv maħruġ bis-saħħa ta’ dak l-artikolu jew ir-rifużjoni tar-rikavat miksub minn xi mandat jew bejgħ b’irkant li jsiru bi prosegwiment ta’ dak l-att.”*

17. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq esposti, din il-Qorti ma tarax kif it-talba tar-rikorrent tista’ tigi milqugha.

**Konkluzjoni**

18. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi billi:

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tas-socjeta intimata, u thallihom impregudikati;

2. Tichad it-talba tar-rikorrent.

3. L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**